**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-4 ta' Marzu 2016

Talba Numru: 625/2015

Numru fuq il-Lista: 3

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**George Degiorgio** K.I. 487840(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 t'Awwissu 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf mitejn u erba' ewro u disa' ċenteżmi (€1,204.09), liema ammont huwa in konnessjoni mas-

servizz ta' komunikazzjoni bin-numru 21580061 bl-akkont numru A/C40003513, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elf, mitejn u erba' ewro u disa' ċenteżmi (€1,204.09), bl-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Ġunju 2014 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 1268/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur